MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 10/2003/1

Rikors Nru: 10/2003

Kummissarju ta' l-Art

vs

Dr Renzo Porsella Flores u PL Victor Bugeja nominati bid-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 28 ta' Jannar 2003 bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lis-sidien mhux maghrufa

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fit-13 ta' Marzu, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 10 ta' Jannar 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tad-Dirett Dominju Perpetwu tal-bicca art

fiz-Zejtun tal-kejl ta’ madwar 80 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u mil-Lvant ma’ Triq id-Dahla ta’ San Tumas u mill-Punent ma’ proprjeta’ residwa ta’ l-istess Giuseppi Farrugia huwa ta’ Lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm1.42c) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&CE tat-18 ta’ Marzu, 2002, li kopja tieghu hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-18 ta’ Frar 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li bhala Kuraturi Deputati huma ma jafu xejn dwar il-fatti mertu tal-att gudizzjarju fuq imsemmi u ghalhekk irriservaw id-dritt li jressqu l-pretensjonijiet taghhom nomine aktar tard hekk kif isiru jafu bil-fatti kollha.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta’ l-intimati pprezentata fit-18 ta’ Frar 2003 fejn esponew:

B’dan l-att l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja – mahtura b’digriet tat-28 ta’ Jannar 2003 bhala kuraturi deputati biex jidhru ghal sid/sidien mhux maghrufa – bi twegiba ghall-att gudizzjarju tieghek (Avviz ghal Ftehim) tal-10 ta’ Jannar 2003 li bih gharrafthom li l-awtorita’ kompetenti lesta thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tad-Dirett Dominju Perpetwu tal-bicca art fiz-Zejtun tal-kejl ta’ madwar 80 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u mil-Lvant ma’ Triq id-Dahla ta’ San Tumas u mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ Giuseppi Farrugia huwa ta’ Lm1.42c, jiddikjaraw li huma ma jafu xejn dwar il-fatti mertu tal-att

gudizzjarju tieghek, u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-pretensjonijiet taghhom aktar tard hekk kif isiru jafu bil-fatti kollha;

Fl-istess hin il-mittenti jinterpellawk sabiex tghaddilhom kull informazzjoni li inti ghandek biex huma jippruvaw jaqbdu mas-sidien ta' l-art imsemmija.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura l-periti teknici l-AIC Michael Refalo u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li stmaw id-directum dominium fl-ammont ta' Lm1.42, l-istess ammont li offra r-rikorrent. Il-periti ma kellhomx ghalfejn jaghmlu stima tad-directum dominium billi s-sidien diga' kienu accettaw il-kumpens lilhom offrut mir-rikorrent.

Ghalhekk il-Bord jaghmel tieghu r-relazzjoni tal-periti dwar id-directum dominium biss.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati fil-kwalita' taghhom fuq imsemmija li jittrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu tad-dirett dominium perpetwu tal-bicca art fiz-Zejtun tal-kejl ta' madwar 80 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u mil-Lvant ma' Triq id-Dahla ta' San Tumas u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Giuseppi Farrugia bil-kumpens ta' Lm1.42c.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007 fid-09:30a.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci;

Billi r-rikors hu kontra kuraturi dawn ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------